**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 326/2016JB

Numru: 15

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

***vs***

**Gulf Fisheries Ltd (C41709)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-12 ta' Awissu 2016 fejn l-Awtorita Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbat elef, erba' mija u tmintax-il euro u tmienja u disghin centezmu (€4,418.98) rapprezentanti drittijiet ghal bastimenti qieghda (*laid-up dues*). Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 5);

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata (a fol 6), laqghet ghal din l-azzjoni billi nhar it-30 ta' Settembru 2016 ipprezentat risposta (a fol 9);

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mill-Awtorita Attrici fl-24 ta' Novembru 2016 (a fol 13) fejn din irriduciet it-talba taghha ghal erbat elef tliet mija u tlieta u hamsin euro u tmienja u disghin centezmu (€4,353.98);

Ra n-nota prezentata fis-seduta tal-lum fejn il-partijiet qablu li fil-kaz odjern jithallas biss is-sorte fis-somma ta' erbat elef tliet mija u tlieta u hamsin euro (€4,353) u l-ammont hekk kanonizzat jithallas b'rati mensili ta' elf euro (€1,000) bl-ewwel pagament isir wara l-21 ta' Awissu 2017 u kemm-il darba s-Socjeta Konvenuta zzomm ma' dak miftiehem m'ghandhomx jiddekorru imghaxijiet u spejjez;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, it-Tribunal ghandu jiddeciedi din il-kawza a bazi tal-intendiment ta' bejn il-partijiet;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenut thallas lill-Awtorita Attrici s-somma ta' €4,353 bl-imghax mil-lum, b'dan li kemm-il darba s-Socjeta Konvenuta taghmel pagamenti mensili fl-ahhar jum ta' kull xahar b'effett minn Awissu 2017 ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), mghandu jiddekorri l-ebda imghax u din is-sentenza mghandhiex tigi esegwita. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*